MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tas-17 ta' Frar, 2011

Numru. 307/2011

**Il-Pulizija**
**(Spettur Trevor Micallef)**

**Vs**

**PAOLO DE VIZZI**

**Seduta ta' llum 17 ta' Frar, 2011.**

**Il-Qorti,**

Rat li l-imputat **PAOLO DE VIZZI** ta' sitta w tletin sena, iben Michele u Ada nee' Russo, imwieled l-Italja nhar l-14 ta' Lulju, 1974, u residenti gewwa Kamra 507, Plevna

Hotel, Sliema, detentur tal-karta tal-identita' Taljana numru AS 7187301 tressaq quddiemha akkuzat talli:

i. F'dawn il-gzejjer minn fuq il-Bajja ta' San Gorg, San Giljan u/jew fil-vicinanzi ghall-habta ta' l-erbgha ta' wara nofsinhar (4.00p.m.) jew f'xi hin iehor tal-gurnata, ikkommetta serq ta' zewg 'diving kompjuters' ghad-dannu ta' San Anthony McGahern, liema serq kien kwalifikat bil-'valur aggravat'.

Rat l-atti tal-kawza u d-dokumenti esebiti w cioe' l-okkorrenza, stqarrija moghtija mill-imputat, vera kopja tal-karta tal-identita' Taljana tal-imputat u Fedina Penali tieghu.

Rat illi l-imputat deher quddiemha minghajr assistenza legali, w li talab tali assistenza, w ghalhekk innominat lil Dr. Simon Micallef Stafrace sabiex jassisti lill-imputat.

Rat ukoll li l-imputat ma jitkellimx bil-lingwa Maltija w li ma fehmx dak li kien qed jigri, w ghalhekk innominat bhala interpretu lil Dr. Anthony Licari sabiex jassistih tul din is-seduta.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat kif registrata waqt l-ezami li sar skond l-artikolu 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta llum, sbatax ta' Frar 2011 w ghalhekk, fuq tali ammissjoni l-Qorti m'ghandhix triq ohra salv li ssibu hati tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu mill-prosekuzzjoni.

Il-Qorti wissiet lill-istess imputat b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq biex jekk ried, setgha jerga lura minnha u fil-fatt l-ammissjoni tieghu giet registrata fl-atti ta' din il-kawza fl-istess seduta ta' llum sbatax ta' Frar, 2011 u dana fil-prezenza tal-avukat difensur tieghu.

Illi ghalhekk, rinfaccjata b'ammissjoni volontarja, espressa w inkondizjonata da parti tal-imputat, hija sodisfatta li l-imputat ghandu jinstab hati tal-akkuzi kif addebitati fil-konfront tieghu mill-prosekuzzjoni.

Semghet lill-Prosekuzzjoni tiddikjara li r-res furtiva kienet giet ritornata lil sidha w li l-vittma ma kellu l-ebeda pretensjoni kontra l-imputat.

Illi ghalhekk il-Qorti **wara li rat l-artikoli tal-ligi u cioe l-artikoli 261( c), 267, u 279 (b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta,** tiddikjara li ssib lill-imputat **PAOLO DE VIZZI hati tal-akkuzi kollha kif dedotti fil-konfront tieghu mill-prosekuzzjoni w kif minnu ammessi w tiddeciedi li tikkundannah ghal piena ta' tlettax-il xahar prigunerija sospizi ghal tliet snin ai termini tal-Artikolu 28 A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta .**

**Tordna wkoll li s-sentenza moghtija minnha illum tigi mibghtua lill-Avukat Generali fi zmien tlett ijiem mil-lum ai termini tal-artikolu 403(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta flimkien ma l-atti kollha tal-kawza.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------